A.L. 20 ta' l-2003

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lil Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33(1) u bl-artikolu 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lil Kunsilli Lokali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2002 dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lil Kunsilli Lokali hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 114 ta' l-2002.

Jemenda t-Tieni Skeda ta' l-ordni prinċipali.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem minn "Għarghur" sa "Żabbar" taħt l-intestatura "Kunsill Lokali", u minflok il-kliem "Għad irid jiġi stabbilit" kif indikat taħt l-intestatura "Data tad-delega effettiva" għandu jidħol dan li ġej:–

Kunsill Lokali	**Data tad-delega effettiva**
"Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar	16 ta' Diċembru, 2002
Attard, Balzan, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Rabat (Malta), Mtarfa, Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien, Żejtun, Floriana, Marsa, Valletta, Siġġiewi, Żebbuġ (Malta), Birżebbuġa, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi, Żurrieq, Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra, Żabbar	Għad irid jiġi stabbilit".